

# L-Għanja ta' Ħajti

Anthony Fenech

Kont imxejt fuq blat u xagħri
Kmieni kien fi sbieħ il-jum
Meta s-sagħtar vjola jwarrdu
Taħt in-nida jleqq ikun ...

Qalb il-ħmura fuq ix-xefaq
Ix-xemx dehret ħamranija
Li b'dawlitha donna riedet
Idawwal din l-art Maltija ...

Tul il-mixja ltqajt ma' bdiewa
Kmieni bieżla għax-xogħol sejrin
Riekba jsuqu karrettuni
Miġbudin minn bgħula u ħmir!

Ħbula raba rajt iħaddru
Bħal tapiti mżewqin
Mal-lellux kibret is-silla
Qalb il-ħmura tal-peprin!

Fjuri u friefet l-ambjent sebbħu
Imkennija mis-sejjieħ
Bdew is-siġar dlonk jixxenglu
Ma' kull l-iċken żiffa riħ!

Issa l-bdiewa waqqfu l-bhejjem
Ħdejn ir-raba mhux maħdum
Ħaddmu s-sienja tellgħu l-ilma
Saqqew l-art matul il-jum ...

Komplejt miexi waqt li nara
Dak li lmaħt minn fuq l-għoljiet
Medda twila firxa baħar
Qed titgħannaq mas-smewwiet!

Wara b'ħarsti lmaħt madwari
Xeni jsaħħru fil-widien
Fost passaġġi twal imħarbat
Li jwassluk lejn xi għerien ...

Fl-għoli qrib wieqfa fis-sema
Rajt il-Knisja Melleħija
Monument tal-akbar rebħa
U t-twelid t'Ommna Marija! ...

Fl-aħħar żort l-għar tal-Madonna
Fejn fil-blat hi bħala xbieha
Kif għamlu missirijietna
Li tamiethom urew Fiha! ...

Fis-Santwarju qaddis tagħha
Jien waqaft qima nagħtiha
Għax f'dak l-għar fejn hi meqjuma
Sar benniena nisranija! ...

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*